SANTA LUĊIJA

# LAQGĦA TAL-LOKALITA` - 2013

**DATA: It-Tlieta, 5 ta' Frar 2013** **ĦIN: 7.00p.m.**

Il-Laqgħa tal-Lokalita` saret fil-Librerija Pubblika.

Attendew għal-laqgħa: Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul, il-Kunsilliera: Joseph Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri, s-Segretarju Eżekuttiv Caroline Silvio, l-Uffiċċjal Eżekuttiv Louise Gatt u l-Iskrivana Marilyn Ellul flimkien ma' numru ta' residenti.

## 1. MERĦBA MIS-SINDKU

Is-Sindku, filwaqt li sellem lil dawk preżenti u tagħhom merħba, stqarr li din il-laqgħa pubblika kienet qed issir kif provdut fl-Att tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Cutajar talab li ssir minuta silenzju b'rispett lejn l-ex-Viċi Sindku s-Sur Balzan li miet f'Ġunju 2012.

## 2. RAPPORT AMMINISTRATTIV

Is-Sindku għadda biex qara u spjega r-rapport amministrattiv li ġie ppreparat mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012. Fost l-aktar affarijiet importanti li ssemmew insibu:

- Proġetti tal-Kunsill
- Resurfacing ta' Toroq taħt l-iskema tal-PPP
- Xogħol ta' Manutenzjoni
- Attivitajiet u inizjattivi tal-Kunsill 2012

Kopja ta' dan ir-rapport qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

## 3. PJAN TA' ĦIDMA GĦAS-SENA 2013

Is-Sindku qara pjan ta' ħidma li l-Kunsill għandu għas-sena 2013. Huwa spjega fid-dettall il-punti kollha li hemm imsemmija f'dan ir-rapport li kopja tiegħu qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti. Fost dawn insibu:

- Allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2013
- *Resurfacing* ta' toroq
- Proġetti tal-Kunsill
- Impenn lejn il-komunita'.

**Nota: Waqt il-qari tar-Rapport Amministrattiv u l-Pjan ta' Ħidma ttellgħat *power point presentation* tal-punti prinċipali ta' dawn iż-żewġ rapporti.**

## 4. KUMMENTI U SUĠĠERIMENTI TAR-RESIDENTI

### *4.1 Is-Sur Joe Attard*

Is-Sur Attard semma x-xogħol ta manutenzjoni li sar taħt l-iskema ta' l-Awtorita' tad-Djar u staqsa jekk hux ser isir xi ħaga dwar it-twieqi u l-ħitan tal-komun fejn hemm it-toqob. Huwa qal li dawn huma fi stat perikoluż u qed jaqgħu l-biċċiet tal-konkos. Huwa qal ukoll li t-turretti baqgħu ma sarux u għadhom fl-istat li kienu.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ġie nfurmat li sew għal ħsarat fit-tromba tal-bejt kif ukoll dwar ħsarat oħra strutturali teżisti skema oħra. Huwa qal li l-Kunsill ser jerġa jikteb lil Awtorita' tad-Djar dwar din is-sitwazzjoni.

### *4.2 Is-Sur Victor Pisani*

Is-Sur Pisani qal li xtaq jgħid grazzi u prosit lil Kunsill għall-ħidma tiegħu u faħħar b'mod partikulari lis-segretarjat tas-servizz effiċjenti li joffri lir-resident. Is-Sur Pisani tkellem dwar il-Jogging Track u qal li jinnota bi pjaċir li sar id-dawl f'dan it-*track*. Huwa kkummenta dwar il-wiċċ ta' dan it-*track* u qal li mhuwiex f'kundizzjoni tajba u faċli tilwi saqajk meta tkun miexi fuqu. Is-Sur Pisani ġibed ukoll l-attenzjoni tal-Kunsill dwar siġar morda li hemm fl-*area* tal-Jogging Track.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa ħejja *brief* dwar proġett biex isir wiċċ sintetiku fil-Jogging Track. Huwa qal li dan sar bl-għajnuna ta' l-ex-Kunsillier Malcolm Borg. Is-Sindku qal li l-istima ta' dan il-proġett tlaħħaq is-somma ta' €78,000.00 u l-Kunsill qiegħed jipprova jsib fondi biex iwettaq dan il-proġett bħal ma sar fil-proġett tal-LED Lighting System li ġiet installat fil-Jogging Track fl-2011. Fir-rigward tas-siġar is-Sindku qal li ser jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-Kunsill dwar dan.

### *4.3 Mr Joseph Zammit*

Is-Sur Zammit irringrazzja l-Kunsill tas-servizz li jagħti u staqsa min huma l-periti tal-proġett taċ-Ċentru tal-Kommunita' u kemm tħallsu.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li l-periti huma l-perit Inguanez u l-perit Cutajar u dawn tħallsu skond ir-rata tal-kuntratt. Is-Sindku qal li r-rata tal-kuntratt hija waħda baxxa,

biss peress li dan il-proġett ġej jiswa madwar żewġ miljuni, biex sar id-disinn, tħejjew il-pjanti u ġew sottomessi lil Mepa u saret l-istima, l-kont tegħla għal €10,400.00. Is-Sindku qal li din kienet spiża kbira għal Kunsill. Huwa qal ukoll li issa l-Mepa qed titlob is-somma ta' €22,522 biex tipproċedi bl-applikazzjoni. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistax iħallas dawn il-flus kollha u għaldaqstant kien qabad il-pjanti ta' dan il-proġett u tagħhom lil Gvern Ċentrali biex kif sar fl-lokalitajiet oħra, ċ-Ċentru Ċiviku jsir mill-Gvern. Is-Sindku qal ukoll li ma jaqbilx li l-Mepa tiċċarġja dawn il-*fees* kollha fuq proġetti indirizzati lejn il-kommunita'.

### *4.4 Is-Sur Thomas Micallef*

Is-Sur Micallef qal li xtaq ikun jaf aktar dwar ir-*reservoir* li qed jiġi propost li jsir fi Triq il-Ġnien u staqsa wkoll jekk l-*area* bejn Blokk I u II hiex kbira biżżejjed biex fiha jsir dan ir-*reservoir*.

### *4.5 Tweġiba tas-Sindku*

Is-Sindku qal li l-*open space* bejn Blokk I u II hija kbira biżżejjed.

### *4.6 Is-Sinjura Rose Fiott*

Is-Sinjura Fiott xtaqet tkun taf meta ser isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq ir-Rand. Hija lmentat ukoll dwar ir-*road humps* li hemm fi Triq Prinjoli u Dawret it-Torri u qalet li dawn għoljin wisq. Is-Sinjura Fiott irrimarkat wkoll li d-dħul ġo Santa Luċija minn Vjal l-Ewropa kien wieħed perikoluz u staqsiet jekk dan jistax jiġi rranġat. Fir-rigward ta' toroq li tlestew diġa, hija staqsiet għala dawn għan-naqra ma saritx it-triq kollha.

### *Tweġiba tas-Sindku*

Fit-tweġiba tiegħu s-Sindku qal li kienu diversi t-toroq li saru mill-gvern ċentrali li waqfu biss sa nofshom u semma Vjal Oleandri u Dawret it-Torri. Huwa qal li dawn suppost li saru fil-programm ta' bini ta' toroq li kellha Trasport Malta għas-snin 2006-2008. Huwa qal li l-anqas il-bankini ta' dawn it-toroq ma saru kif saru f'lokalitajiet oħra. Is-Sindku semma wkoll triq Inez Soler li wkoll kienet inkluża f'dan il-programm u spiċċa biex kellu jagħmilha l-Kunsill. Fir-rigward ta' xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq is-Sindku qal li bħal triq ir-Rand hemm ħafna aktar toroq fl-istess kundizzjoni iżda qabel erbgħa jew ħames snin oħra il-Kunsill ma jistax jagħmel toroq għax il-fondi allokati għal manutenzjoni tat-toroq ser immorru għall-iskema tal-PPP li biha saru Triq Inez Soler u ser isiru Triq Gulietta Lopez u Triq il-Ġnien. Fir-rigward tat-dħul ġo Santa Luċija minn Vjal l-Ewropa, is-Sindku qal li issa jitkellem ma' l-Perit li huwa nkarigat mill-

proġett tar-rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita' biex jara jistax isir xi ħaġa peress li ċ-ċint li jdawwar dan il-ġnien u li jmiss ma' dan id-dħul, kien ser jinqala kollhu. Rigward ir-*road humps* is-Sindku qal li dawn huma skond l-*ispecifications* ta' l-Unjoni Ewropea u l-ħsara fil-karozza ssir jekk wieħed ikun għaddej bi *speed* qawwi.

## 5. Għeluq

Fi tmiem din il-laqgħa s-Sindku talab lil Viċi Sindku u l-Kunsilliera biex jindirizzaw lir-residenti.

### *5.1 Il-Kunsillier Victor Camilleri*

Is-Sur Camilleri irrefera għall-ilmenti u suġġerimenti li tqajjmu mir-residenti waqt din il-laqgħa. Huwa qal li kieku jkollu l-fondi l-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jwettaq aktar xogħol. Huwa rringrazzja lil dawk ir-residenti li attendew għal din il-laqgħa.

### *5.2 Il-Kunsiliera Caroline Galea*

Is-Sinjura Galea irringrazzjat lir-residenti tal-kontribut tagħhom waqt din il-laqgħa. Hija qalet li l-finanzi dejjem kienu sfida, biss il-Kunsill huwa determinat li jkompli jaħdem għal bżonnijiet tal-lokalita u tar-residenti.

### *5.3 Il-Kunsillier Joe Bonello*

Il-Kunsillier Joe Bonello irringrazzja lil dawk presenti tal-konkorrenza. Huwa rrefera wkoll għall-ilmenti tar-residenti speċjalment fir-rigward ta' manutenzjoni fuq toroq. Huwa qal li mill-allokazzjoni li jirċievi l-Kunsill 18% jerġu jitħallsu lura f'VAT. Huwa qal li l-Kunsill jagħmel x-xogħol mill-qalb jekk ikollu l-finanzi biex jaħdem. Is-Sur Bonello appella biex aktar residenti jgħatu l-indirizz tal-*e-mail* tagħhom lil Kunsill biex jiġi nkluż fid-*data base* tal-Kunsill ħalli tkompli titjieb il-kommunikazzjoni bejn il-Kunsill u r-residenti.

### *5.4 Il-Viċi Sindku Terrence Ellul*

Is-Sur Ellul irringrazzja l-dawk preżenti għal kummenti tagħhom u appella biex min jara xi abbuż f'dak li huwa ħruġ ta' skart domestiku għandu jinforma l-Kunsill ħalli jittieħdu l-passi neċessarji. Huwa qal ukoll li r-residenti għandhom raġun fit-talbiet tagħhom u l-Kunsill għandu jagħmel aktar pressjoni fuq il-Gvern Lokali biex il-Kunsilli jinagħataw aktar fondi.

### *5.6 Kummenti mis-Sindku fl-għeluq tal-laqgħa.*

Is-Sindku s-Sur Frederick Cutajar qal li bil-mod il-mod nindirizzaw il-problemi kollha. Huwa rringrazzja l-Kunsillieri, lis-Segretarju Ezekuttiv u l-istaff tagħha u lil dawk presenti għall-laqgħa. Is-Sindku ħa din l-opportunita' biex jirringrazzja lil Kappillan tal-koperazzjoni tiegħu fit-tqassim ta' ikel mill-EU lil dawk fil-bzonn.

**6. TMIEM**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum il-Gimgħa, 15 ta' Frar 2013**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**